**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 21/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 31/10/'13 304**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 31/10/'13 359**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 31 t' Ottubru 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (1) – Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (see inc. 5897/13).

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Kien hemm preżenti wkoll Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanza minn JCA Ltd għal l-accounts tal-Kunsill.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 t'Ottubru 2013. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti: - Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi
   - Servizz ta' Accountancy
   - Manutenzjoni u Tiswijiet ta' Toroq u Bankini
4. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013
5. Rapport tax-Xogħlijiet
6. Budget / Business Plan
7. Approvazzjoni ta' Pagamenti
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 20/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 20/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 33/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 5324 | Korrispondenza rigward offerta mingħand it-Times of Malta. |
| 4973,5384, K1222,5408 & 5767 | Korrispondenza rigward ix-xogħlijiet fi Triq Sant'Elija u Triq Elija Zammit. |
| 5120 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Wied Ballut. |

5260 & K1225 Korrispondenza rigward il-meter tal-Pjazza Wesgħet Ġużè' Tanti, Triq Ġorġ Borg Olivier.

5295&,K0815, 4828, K1065, K1100, P586, P532 &KA0168 Korrispondenza rigward tindif ħdejn il-Bring in Sites.

5823 & 5311 Korrispondenza mingħand l-MCCAA rigward ir-rapport dwar il-*playgrounds.*

5372, K1230, 5457, K1249 & K1250 Korrispondenza rigward akkumulazzjoni ta' *vacation leave* tas-Segretarju Ezekuttiv mis-sena 2013 għat-2014.

5361, 5362, K1220, 5870, K1333 & K1337 Korrispondenza rigward l-Espressjoni ta' Interess.

K1215 Email rigward laqgħa mal-kuntrattur tal-knis.

5550 Ittra mingħand is-Sinjura Marisa Micallef rigward ir-riżenja tagħha.

5664, K1307, K1336 & 5896 Korrispondenza rigward xogħlijiet fi Triq Michelangelo Cagiano.

5669 Email mingħand l-Onorevoli Jose Herrera rigward is-servizz tal-mini van.

5780 Stima mingħand l-MP&DC dwar ir-rampa ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy.

5841 & 5894 Memo 26/2013 rigward il-ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.

5897 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tagħha f'din il-laqgħa.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 5324**

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward aktar informazzjoni fuq l-offerta mingħand it-Times of Malta. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaċċettax din l-offerta.

**Rif Nru. 5120**

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Wied Ballut. Gie deċiż unanimament li l-Kunsill jgħarraf lid-

Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Widien ma jaqgħux taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.

2.04 **Rif Nru. 5295 & K0815, 4828, K1065, K1100, P586, P532 & KA0168**

B'riferenza għall-fatturi nru MTI-CSD-TG 002/13 (inc.ref. 5295/13) u MTI-CSD-TG 003/13 (inc.ref. P586/13) mingħand il-Cleansing Directorate, rigward tindif ħdejn il-*Bring in Sites*, ġie deċiż unanimament li l-Cleansing Directorate tiġi nfurmata li l-Kunsill mhux qed jaċċetta dawn il-fatturi. Dan minħabba li kif diġa spjegat fil-korrispondenza li ntbagħtu mill-Kunsill (rif. K815 u K1100), il-Kunsill m'għandux il-finanzjament meħtieg u apparti dan, il-parti li tnaddfet hija tal-privat u hemm kawża għaddejja l-qorti.

2.05 **Rif Nru. 5823 & 5311**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand l-MCCAA rigward ir-rapport dwar il-*playgrounds*, ġie deċiż unanimament li tintalab spjegazzjoni għaliex l-*Overall Classification* ingħatat *'C'* wara li l-Kunsill kien għadu kif lesta dawk ix-xogħlijiet li kien mitlub fir-rapport preċedenti, liema xogħlijiet ġew iċċertifikati mill-Contract Manager*.* Għalhekk il-Kunsill mhux ser jiffirma ir-rapport peress li mhux jaċċetta l-*Overall Classification* li ngħata.

2.06 **Rif Nru. 5361, 5362, K1220, 5870, K1333 & K1337**

Fir-rigward il-korrispondenza dwar l-Espressjoni ta' Interess iċ-Ċermen rega' saħaq li l-interess tal-Kunsill dejjem kien u huwa li f'San Ġiljan issir id-dar ta' l-anzjani u l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

2.07 **Rif Nru. K1215**

B' riferenza għall-email rigward laqgħa mal-Kuntrattur tal-knis, iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li ħadd mill-Kunsilliera ma attenda għal din il-laqgħa ħlief is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

2.08 **Rif Nru. 5550**

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Marisa Micallef rigward ir-riżenja tagħha. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li s-Sinjura Micallef tiġi mitluba terġa' tikkunsidra r-rizenja tagħha.

2.09 **Rif Nru. 5669**

Saret riferenza għall-email mingħand l-Onorevoli Jose' Herrera rigward is-servizz ta' Mini Van. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż

unanimament li jsir meeting mas-Sur James Piscopo CEO tat-Transport Malta u jiġu nfurmati l-Kunsilliera.

2.10 **Rif Nru. 5780**

Saret riferenza l-istima mingħand l-MP & DC dwar ir-rampa ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy. Ġie deċiż unanimament li għalissa din ir-rampa ma ssirx minħabba li l-Kunsill m'għandux il-finanzjament biex jagħmilha.

2.11 **Rif Nru. 5841 & 5894**

Saret riferenza għall-Memo 26/2013 rigward il-ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali. Peress li sal-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill ma rċieva l-ebda nomina għal din il-ħatra ġie deċiż unanimament li s-Sindku jkellem lill-Kapillan Fr. Claude biex tigi rrakomdata persuna sabiex tkun tista' tieħu l-kariga ta' Ambaxxatur tal-Kunsill.

2.12 **Rif Nru. 5897**

B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tagħha għal-laqgħa t'Ottubru, ġie deċiż unanimament li tiġi skużata għal din il-laqgħa.

2.13 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tal-laqgħa biex jiġi diskuss Item 4 u 6 qabel Item 3 u 5.

2.14 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġenzjoni.

2.15 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ġie skużat fl-3.50p.m.

**4. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013 u Ms. Caruana tat spjegazzjoni dettaljata (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013.

4.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Budget / Business Plan**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-preparazzjoni tal-Budget/Business Plan. (Ara Appendiċi 'C')

6.02 Wara diskussjoni l-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Budget/Business Plan.

6.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Ms. Caruana ġiet skużata fl-4.30p.m.

6.06 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Ministru tal-Finanzi l-Onor. Edward Scicluna, lill-Ministru tat-Turismu l-Onor. Karmenu Vella u lis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Jose' Herrera biex jiġi diskuss il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Fl-istess waqt tintbagħat ittra lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn jiġi nfurmat li l-Budget li jingħata lill-Kunsill mhux ikopri sabiex il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv Paceville iwettqu l-funzjonijiet statutorji tagħhom.

6.07 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fl-4.35p.m.

**3. Offerti**

**Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda dwar offerti għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi (Ara Appendiċi 'D').

3.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Alex Grech ippropona li t-tender jingħata lill-E.L.C. għall-perjodu ta' tlett snin, peress li pprovda d-dokumenti skont it-tender.

3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Servizz ta' Accountancy**

3.05 Il-Kunsill ġie ppreżentat bis-skeda ta' l-offerti rigward **Servizz ta' Accountancy** (ara Appendiċi 'E').

3.06 Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, il-Kunsillier Anthony Grech ppropona li t-tender jingħata lill-JCA Ltd. Dan minħabba l- il-Kunsill sodisfatt bis-servizz li qed jingħata, l-esperjenza, u l-Kunsill jidhirlu li m'għandux jibdel il-kuntrattur fuq servizz sensittiv meta d-differenza hija minima.

3.07 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Manutenzjoni u Tiswijiet ta' Toroq u Bankini**

3.09 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda ta' l-offerti rigward Manutenzjoni u Tiswijiet ta' Toroq u Bankini (Ara Appendiċi ' F').

3.10 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Anthony Grech ippropona li tintgħażel l-offerta ta' LK Ltd għall-perjodu ta' tlett snin.

3.11 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.12 Din il-mozzjoni għaddiet għal votazjoni fejn erba' Kunsilliera vvutaw favur filwaqt li żewġt Kunsilliera astjenew.

**5. Rapport tax-Xogħlijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq ir-**Rapport tax-Xogħlijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2013 kif ukoll il-Pjan għas-sena 2014** għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

5.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħlijiet.

5.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

7.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Ic-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3482 sa 3496 għall-attenzjoni tal-Kunsill (Ara Appendiċi 'I') u nfurmahom li dawn għalissa ser jibqgħu 'on hold' sakemm il-Kunsill jingħata l-budget għas-sena 2014. Dan peress li għal din is-sena l-Kunsill nefaq aktar mill-budget allokat.

8.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9 Materji Oħra**

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) il-laqgħa tal-lokalita' ta' Paceville ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

b) Il-laqgħa li jmiss ta' Novembru ser tkun il-laqgħa tal-lokalita' u din ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fis-6.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

c) il-laqgħa ta' Dicembru ser issir nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru fis-2.30p.m.

9.02 Ġie deċiż unanimament li għal żmien il-Milied isiru dawn l-attivitajiet:-

a) Ħarġa għall-anzjani fit-18 ta' Diċembru 2014.

b) Ikla għall-Kunsilliera u l-impjegati.

9.03 Il-laqgħa ntemmet fil-5.25p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |